MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 155/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' April, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi r-rikorrenti żżewġet lill-intimat B fl-20 ta' Diċembru tas-sena 1990, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. MR1;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal u l-uniku wild tagħhom twieled fiż-żwieġ, u *cioe'* fid-19 ta'

Ġunju tas-sena 1991 minħabba li meta l-partijiet iżżewġu hija kienet tqila, u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid immarkat Dok. MR2;

3. Illi minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal, u dan minħabba li hija qatt ma żżewġet biex ikollha tfal iżda biss biex tkun tista' toqgħod hawn Malta u tagħmel ta' rasha minħabba li l-ġenituri tagħha li kienu joqgħodu hawn Malta ma riduhiex tiżżewġu minħabba li żewġha kien għażżien u ma jaħdimx, u iktar u iktar minħabba li rieduha tmur lura magħhom il-Ġermanja minħabba li missierha kien ser jiskadilu l-kuntratt ta' xogħol li kellu hawn Malta, ħaġa li hija ma riditx u riedet tibqa' Malta;

4. Illi l-ġenituri tagħha saħansitra kienu ordnawlha biex titlaq lejn il-Ġermanja u hija minħabba f'hekk kienet rat kif għamlet u ħarġet tqila sabiex b'hekk hija tkun tista' tibqa' hawn Malta, tant li kienet il-Ġermanja meta ċemplet lill-ġenituri tagħha li hija kienet tqila, u għalhekk il-pjan tagħha seħħ għax irritornat Malta biex tiżżewweġ u b'hekk setgħet tibqa' hawn Malta;

5. Illi qabel ma ħarġet tqila hija kull ma kienet taf lil żewġha xi sitt xhur għaliex kienet diġa' l-Ġermanja meta skopriet li hija tqila minnu;

6. Illi huma żżewġu bir-Reġistru biss u kienu preżenti biss il-ġenituri tal-partijiet u lanqas tieġ ma għamlu, u matul is-sena taż-żwieġ huma għexu ġo garaxx għax ma kellhomx mezzi;

7. Illi wara xi sena miż-żwieġ hija kellha titlaq mill-garaxx minħabba li żewġha beda jsawwatha, tant li kellha tidħol l-isptar darba minnhom kellha tidħol l-isptar darba minnhom (*sic*) għaliex kien kisrilha spallitha;

8. Illi l-argumenti kienu prinċipalment għax hija ma riditx tfal minn dan iż-żwieġ, u l-għażż ta' żewġha;

9. Illi kemm damu miżżewġin hija kellha relazzjonijiet ma' irġiel oħra, u dan għax hija qatt ma riedet taf b'żewġha għax hija żżewġitu biss biex tista' toqgħod

Malta minħabba li l-ġenituri tagħha kienu ser jerġgħu lura lejn il-Ġermanja minħabba li missier l-attriċi kien skadielu l-kuntratt li kellu hawn Malta mal-fabbrika Bortex, tant li hekk kif iżżewġu, il-ġenituri tagħha telqu lejn il-Ġermanja;

10. Illi hija tifhem u titkellem bil-Malti;

11. Illi meta l-partijiet isseparaw bonarjament il-kura u l-kustodja ta' l-uniku wild tagħhom ġiet fdata f'idejn ir-raġel minħabba li hija riedet tkompli tgħix ħajja ta' xebba u mhux ta' mara miżżewġa, u dan skond l-anness kuntratt immarkat Dok. MR3;

12. Illi l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* minn sena wara ż-żwieġ qabel ma għamlu l-kuntratt tas-separazzjoni bonarja;

13. Illi għalhekk il-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

14. Illi għalhekk il-kunsens tar-rikorrenti nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew ta' dritt ta' l-att taż-żwieġ;

15. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-liġi.

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet ta' l-20 ta' Diċembru, 1990 fuq imsemmi huwa null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fil-11 ta’ Jannar, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok hemm bżonn jiġi korrett kunjom l-attriċi peress illi l-kunjom tagħha skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ għandu jinqara omissis.

2. Illi fit-tieni lok irid jiġi relevat illi l-konvenut ma jistax jifhem kif proprju f’paragrafu 3 tar-rikors ġuramentat qiegħed jingħad li ma kienx hemm tfal minn dan iż-żwieġ, meta jirriżulta l-kuntrarju, anke mill-istess att ta’ separazzjoni esebit mar-rikors, li hemm tifel jismu X, li trabba unikament mill-istess esponent. Dan il-fatt waħdu anke jitfa’ dawl xejn favorevoli fuq l-istess attriċi.

3. Illi għalkemm l-esponent jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu għandu jiġi dikjarat null, pero’ jiċħad b’mod kategoriku li dan iż-żwieġ huwa null minħabba ħtijiet tiegħu, u minn issa qiegħed jirriserva anke l-pożizzjoni tiegħu fil-liġi dwar allegazzjonijiet malafamanti li saru fil-konfront tiegħu, u r-raġunijiet li taħti għalihom l-istess rikorrenti; u dan għaliex kif hi stess tammetti: a) ikkapitolat għal kollox mill-obbligi matrimonjali tagħha, għax kif tammetti hi stess, kienet adultera għal diversi drabi, anke wara ftit xhur li ċċelebraw iż-żwieġ; b) abbandunat ukoll il-minuri tant li minkejja l-għażż li imputat għall-istess esponent, il-kura u l-kustodja tat-tifla fdata f’idejh, u kien hu li ħa ħsieb il-bżonnijiet kollha tiegħu sal-ġurnata ta’ llum, meta wasal biex anke jottjeni l-eta’ maġġorenni; c) tant kellha tort illi rrinunzjat kemm għad-dritt ta’ manteniment tagħha u kif ukoll għad-dritt ta’ l-inkwilinat tad-dar matrimonjali; d) u kif ammettiet l-attriċi stess, hi ma riditx tfal.

4. Illi ħaġa ta’ l-għaġeb allura kif l-istess attriċi issa qegħda tipprova tisposta l-ħtija għal fuq il-konvenut meta *ex admissis* anke fl-istess rikors ġuramentat tagħha, huwa pależament ċar ta’ min huwa t-tort, anke fid-dawl tal-fatt illi meta żżewġet lill-istess konvenut, kienet diġa’ tqila u ma qaltlu xejn b’dan kollu, biex wara kienet tant

anzjuża li flok toqgħod għall-obbligi matrimonjali tagħha, tgħix, kif hi stess ammettiet, mhux ħajja ta' mara miżżewġa, imma ta' xebba.

5. Illi għalhekk l-esponent jinsisti li l-ħtija għat-tħassir taż-żwieġ għandha unikament tiġi akkollata lill-istess attriċi, bl-ispejjeż tal-kawża kontra tagħha.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u ta' ohrajn.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-sena 1990 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jaqbel illi ż-żwieġ ikun annullat, iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi; iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kappriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi provat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni*

*tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali.* "

Fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awissu, 1995).

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Il-Qorti tħoss illi t-talba attriċi għandha tiġi akkolta għaliex joħroġ ċar mill-provi li l-iskop ewlieni ta' l-attriċi kien li tkun tista' tibqa' tgħix Malta billi hija ta' nazzjonalita' Tedeska u ma riditx titlaq minn Malta fejn trabbiet għal ħafna snin. Hija tammetti li qarrqet bil-konvenut billi ħarġet tqila ħalli huma jiżżewġu, iżda mbagħad eskludiet kompletament it-

tfal billi għamlet ċerta li ma jkollhiex iktar tfal. Anke meta l-partijiet isseparaw, hija ċediet il-kura u l-kustodja lill-konvenut biex ma jkollhiex xkiel. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għall-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deċiża fit-30 ta' Mejju, 1995 fejn il-Qorti spjegat maġistralment kif dan l-istat ta' fatt ikun ifisser li kien hemm esklużjoni pożittiva ta' element importanti fil-ħajja miżżewġa. Għandu raġun għalhekk il-konvenut jgħid illi l-ħtija għall-annullament hija attribwibbli lill-attriċi.

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fl-20 ta' Diċembru, 1990. L-ispejjeż ikunu a kariku ta' l-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------